**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

**Joseph Said**

**Vs**

**Charichelon Co. Ltd**

CCT 153/23/CC

Illum 1 t'Ottubru, 2024

It-Tribunal;

Ra t-Talba tal-attur ipprezentata fl-1 ta' Settembru 2023, fejn talab hlas ta' l-ammont ta' €1,395 (elf, tlett mija u hamsa u disghin ewro) rapprezentanti ammont imhallas ghal vjagg lejn is-Slovakkja, liema vjagg inxtara fis-sena 2021, minghand is-socjeta intimata, kif ezercenti fin-negozju bhala 'Rocs Group'.

Ra li s-socjeta intimata Charichelon Co. Ltd debitament notifikata bl-Avviz tat-Talba u tas-Smigh ta' din il-procedura, ipprezentat risposta, fejn opponiet it-talba kif avvanzata mill-attur.

Ra illi fis-seduta tas-27 ta' Frar 2024 it-Tribunal ordna korrezzjoni fl-okkju, b'dan li mill-okkju ghandhom jitnehhew il-kliem 'ROCS Group', u l-okkju ghandu jaqra is-socjeta intimata bhala 'Charichelon Co. Ltd'.

Illi entrambi l-partijiet ipprezentaw il-provi taghhom fis-seduta skedati ghal produzzjoni tal-provi, u in segwitu awtorizzaw lil dan it-Tribunal sabiex jaghddi ghas-sentenza.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra

Illi jirrizulta li f'Novembru 2021 l-attur xtara vjagg lejn is-Slovakkja minghand is-socjeta intimata ghal prezz kumplessiv ta' €1,395 (elf tlett mija u hamsa u disghin ewro). Dan il-prezz kien jinkludi it-titjiriet u l-akkomodazzjoni ghal vjagg li kien skedat ghat-22 ta' Dicembru 2021.

Illi gara li l-attur gie infurmat sabiex ma jsifirx fid-data tal-vjagg skedat, u dan minhabba restrizzjonijiet tal-pandemija Covid-19. L-attur jispjega li huwa gie kkuntatjat b'telefonata minn impjegat tas-socjeta intimata bl-isem ta' Bjorn, fejn gie infurmat sabiex ma jmurx fid-data skedata tal-vjagg, sabiex imbaghad sussegwentement isiefer f'data ohra aktar 'l quddiem.

Illi gara li meta l-attur mar sabiex jipprenota l-vjagg ghal data aktar 'l quddiem, huwa gie mitlub ihallas somma ulterjuri ta' €1,100 (elf u mitt ewro), liema somma kienet d-differenza fil-prenotazzjoni tal-biljetti ta' l-ajru, u l-attur ma accetax.

Illi s-socjeta intimata tispjega li hija sa mil-bidu nett kien propensa li tivversa voucher ta' €800 (tmien mitt ewro) liema ammont ikopri l-ispejjez ta' l-akkomodazzjoni imhallsa mill-attur. Madankollu l-attur ma accetax din l-offerta, u effettivament irritorna l-voucher lis-socjeta intimata.

Ikkunsidra;

Illi t-Tribunal, minn analizi tal-provi prodotti inkluz id-dokumentazzjoni relattiva, u wara li sema' lil attur u r-rapprezentant tas-socjeta intimata jixhdu fl-atti ta' dawn il-proċeduri, hu tal-fehma li t-Talba avvanzata mill-attur għandha tintlaqa' limitatament kif ser jigi spjegat.

Illi t-Tribunal ikkunsidra l-fatt li effettivament, fid-data tal-vjagg skedat, ma kien hemm l-ebda impediment li seta' b'xi mod jipprekludi lil attur li jivvjaga. Inoltre, l-attur ma gabx prova bhala xhud lil persuna impjegata tas-socjeta intimata li tat struzzjonijiet sabiex ma jattendux ghal vjagg. Illi t-Tribunal jinnota li l-prezzijiet tat-titjiriet ta' l-ajru ma humiex fil-kontroll tas-socjeta intimata, liema settur huwa wiehed volatili u diversi fatturi jiddeterminaw il-prezzijiet tat-titjiriet minn gurnata ghal gurnata.

Illi jirrizulta ulterjorment li s-socjeta intimata sa mill-bidu nett offriet soluzzjoni lil attur, b'dan li hija baghtet voucher fl-ammont ta' €800 (tmien mitt ewro) lil attur.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal, wara li ha in konsiderazzjoni l-provi prodotti u d-dokumentazzjoni ipprezentata fl-atti ta' dawn il-proceduri, u wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi:

Jilqa' limitatament it-talba avvanzata mill-attur ghal ammont ta' €800 (tmien mitt ewro).

Kull parti f'dawn il-proċeduri għandha tħallas l-ispejjez taghha.

C. Cherrett

Avv. Dott. Charmaine Cherrett

Arbitru